# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 15**

**Avviz numru 1445/97/SM**

**Gasan Insurance Agency Ltd bhala agent u mandatarju tas-socjeta' estera General Accident, Fire & Assurance Corporation plc ta' Perth, Scotland u din kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghhom Emanuel Cachia esergenti l-kummerc taht l-isem Pennywise Self Service skond il-ligi u skond il-polza tal-assigurazzjoni (Claim 975004).**

**vs**

**Antonio Mercieca u b'digriet tas-17 ta' Gunju ta' l-1999 Sammy Spiteri li gie kjamat in kawza.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-15 ta' Lulju ta' l-1997 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas is-somma ta' LM321 rapprezentanti hsarat sofferti fil-fond tal-assikurat tal-attur nomine cioe' "Pennywise Self Service", Ganni Bencini Street, Gzira, meta saret hsara fl-istess post fis-"stocks" gol l-istess hanut fl-10 ta' Jannar ta' l-1997 ghal liema hsarat il-konvenut huwa unikament responsabbli;**

2. **Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-avviz, liema konvenut huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonjiet datata t-8 ta' Mejju ta' l-1998 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi huwa mhux responsabbli ghall-hsara li allegatament saret huwa bl-ebda mod ma kien involut fl-incident u lanqas ma kien prezenti u fil-possibilita' li jevitah;**

2. **Illi salv u impregjudikat il-premess, huwa lanqas ma nghata l-opportunita' li jezamina u jikkontrolla l-allegati danni kif lanqas ma gie interpllat biex jghamel tajjeb l-istess hsara;**

3. **Illi d-decizjoni li hadet is-socjeta' attrici meta qabdet u irrikompensat lill-assikurat taghha minghajr il-kunsens jew almenu riferenza lill-eccipjent, kienet decizjoni unilaterali taghha li ma torbotx lill-eccipjent;**

4. **Ghaldaqstant it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez;**

**Rat id-digriet taghha datat iz-17 ta' Gunju ta' l-1999 li permezz tieghu laqghet it-talba tas-socjeta' attrici ghal kjamata in kawza ta' Sammy Spiteri;**

**Innotat li dan Sammy Spiteri baqa' kontumaci;**

**Ezaminat id-deposizzjonijiet guramentati mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;**

**Semghet il-kumplament tax-xhieda prodotta;**

**Ezaminat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi jirrizulta li fil-11 ta' Jannar ta' l-1997 kien dahal kwantita' ta' ilma fil-fond "Pennywise Self Service", Triq Ganni Bencini, Gzira, u ikkaguna hsarat ingenti fil-merkanzija, f'air conditioner u fis-sistema ta' l-elettriku ta' l-istess fond;**

2. **Illi rrizulta li l-ilma li ipperkola fl-imsemmi "self service" gie mill-fond sovrastanti;**

3. **Illi wara li s-socjeta' attrici effetwat il-verifiki kollha necessarji ghamlet tajjeb ghal hsarat kollha riskontrati u giet surrogata fid-drittijiet tas-sid tas-"self service" de quo;**

4. **Illi l-konvenut huwa l-proprjetarju tal-fond sovrastanti s-"self service" de quo li pero' fil-perjodu meta sehh l-incident in dizamina ma kellux kontroll fuq l-istess fond stante li kien krieh lill-kjamat in kawza Sammy Spiteri;**

5. **Illi xejn mill-provi prodotti ma accenna ghal xi forma ta' nuqqas da parti tas-sid, il-konvenut**

**Mercieca, rigwardanti l-manutenzjoni straordinarja tal-fond de quo;**

**6. Illi l-kjamat in kawza baqa' kontumaci;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghalhekk hu pacifiku li l-konvenut Mercieca hu ghal kollox estraneu ghall-akkadut stante li l-kjamat Spiteri qatt ma gibidlu l-attenzjoni tieghu ghal xi manutenzjoni straordinarja li kellu d-dover jespleta;**

**Illi l-kawza prossima u diretta tal-gwaj kollu in dizamina, "flexible connection" tal-"geyser", taqa' abbundantement fl-isfera tal-manutenzjoni ordinarja li hi allura a karigu ta' l-inkwilin – il kjamat in kawza Spiteri;**

**Ghaldaqstant, in vista tal-premess din il-qorti filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet tal-konvenut u allura tichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Antonio Mercieca, izda takkolji l-istess talbiet attrici fil-konfront tal-kjamat in kawza Sammy Spiteri u:**

1. **Tiddikjara lill-imsemmi Sammy Spiteri unikament responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici nomine;**

2. **Tillikwida d-danni hekk subiti fl-ammont ta' tlett mija u wiehed u ghoxrin Lira Maltin, (LM321.00,0);**

3. **Tikkundanna lill-kjamat in kwaza Sammy Spiteri ihallas l-ammont ta' danni hekk likwidati bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**